Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Jason Francis Sultana]

vs

Charles Sciberras

Kumpilazzjoni Numru: 429/2014

Illum, 8 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Charles Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 324775M akkuzat:

1. Talli nhar is-17 ta' April 2014 gewwa ir-Rampa ta' Xbiex, Ta' Xbiex, ghal habta ta' 14:50pm, ikkommetta serq ta' flus kontanti u Iphone 5S, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorti tal-haga misruqa u ghad-detriment ta' Lynsday Muscat, Brian Vassallo u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxijhom;

3. U aktar talli ghamel reat li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. nhar l-31/10/2012.

Il-Qorti giet mitluba tittratta ma' **Charles Sciberras** bhala recidiv ta' sentenza imporsta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai termini ta' l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

a. Fl-artikoli 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 28H, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq minn vettura.

Illi xehed l-**Ispettur Jason Francis Sultana** li spjega li mir-ricerka li ghamlu l-*iphone* li nsteraq kien ghand certu Christopher Farrugia li meta mar l-ghassa qal li huwa kien xtara l-*iphone* koncernat minghand Charles Sciberras li kien avvicinah nhar is-17 ta' April fejn qallu li kellu *iphone* ghall-bejgh. L-Ispettur esebixxa *mobile phone* tat-tip Nokia li gie elevat mill-imputat (Dok. JSX). Esebixxa wkoll sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2012 fil-konfront tal-imputat (Dok. JFS8).

Illi xehed **Christopher Farrugia** li qal li lill-imputat jafu minn meta kienu zghar u dan l-ahhar kien xtara Apple mobile minghandu ta'

lewn iswed. Qal li xtrah fis-17 ta' April u kienu s-sitta ta' filghaxija. Zied li huwa hallas mitt ewro ghal dan il-*mobile*.

Illi xehed **Brian Vassallo** li kien irrapporta serq ta' *mobile* u flus. Bhala flus insterqu xi mija u hamsin ewro (€150) u l-*mobile* kien *iphone* 5S ta' kulur iswed. Dawn insterqu mill-vettura tax-xoghol tieghu. Ix-xhud ma setax jiftakar la d-data meta nsterqu l-oggetti u lanqas in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Qal li *mobile* li nsteraq rega' gie ghandu ghaliex spettur ghaddieh lit-tfajla tieghu. Spjega li qabel dan pero` xi hadd b'numru anonimu beda jcempel lit-tfalja tieghu sabiex jiltaqghu u jirritorna l-*mobile* inkwistjoni. Gara pero` li ghalkemm ftiehmu biex jiltaqghu quddiem l-moskea hadd ma tfacca.

Riprodott ix-xhud qal li kien biegh il-*mobile* mertu ta' dawn il-proceduri izda m'ghandux ideja lil min. Zied jghid li kien xtara l-*mobile* bil-kuntratt u ghalhekk ma jafx kemm kien xtrah.

Illi xehed l-espert **Dr. Martin Bajada** li gie inkarigat biex johrog *call profile.* Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MB1.

Illi xehed **PS 845 Ian Vella** li qal li Lindsay Muscat kienet kelmet lill-Pulizija fejn infurmathom li kien ghamel kuntatt maghha ragel min-numru anonimu fejn talabha biex tiltaqa' mieghu hdejn il-moskea halli jghaddilha l-*mobile* inkwistjoni. Dan ir-ragel kien talabha xi flus biex jirritorna l-*mobile*. Ix-xhud nizel hdejn il-moskea fejn stenna ghal xi siegha ma' Lindsey Muscat izda hadd ma tfacca.

Xehdet ukoll **Lindsay Muscat** fejn qalet li kienet marret l-ghassa taghmel rapport ghall-gharus taghha li ma setax imur l-ghassa stante li kien xoghol. L-gharus taghha, li jismu Brian Vassallo, qalilha li serqulu xi flus u l-*mobile* tieghu tat-tip *iphone* 5S. Ziedet tghid li cirka gimghatejn wara l-Ispettur cempel l-gharus taghha biex imur ghall-*mobile* l-ghassa u kienet marret tigbru hi stess. Di fatti l-*mobile iphone* 5S rega' qieghed ghand l-gharus taghha.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Jonathan Ransley** li esebixxa sentenza datata 4 ta' Gunju 2010 moghtija fil-konfront tal-imputat (Dok. JR2).

Illi xehed **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn esebixxa Dok. SC1 u Dok. SC2 minn fejn jirrizulta li l-vettura FLY012 hija registrata fuq certu Anthony Zammit mentri l-vettura ELY017 hija registrata fuq Carmen Sultana.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Ramon Cassar** li kkonferma li huwa kien il-prosekutur kontra l-imputat fis-sentenza esebita bhala Dok. JR1 a fol. 111 tal-process li kien jirrigwarda serq li jmur lura ghas-sena 1999.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2016 il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi giet infurmata li Brian Vassallo biegh il-*mobile iphone* 5S mertu ta' dawn il-proceduri lil terz u li dan it-terz ma setax jintraccah. Ghaldaqstant il-Qorti rrevokat id-digriet tan-nomina ta' Dr. Steven Farrugia Sacco.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 inqraw l-artikoli tal-Avukat Generali u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza odjerna titkompla bi procedura sommarja.

Rat illi d-difiza pprezentat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. ASD) moghtija fis-16 ta' April 2018 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Kevin Attard,* kif ukoll ittra minn Magnetic Services fejn qed jinghad li l-imputat hareg mill-habs u qieghed jahdem mal-imsemmija kumpanija (Dok. CMB1).

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn harsa lejn il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-*mobile* li allegatament insteraq ma nstabx fil-pussess tal-imputat izda fil-pussess ta' certu Christopher Zarb li meta gie konfrontat mill-Pulizija qal li kien xtara tali *mobile* minghand l-imputat. Kien fil-fatt hekk biss li l-Pulizija waslu ghall-imputat.

Illi d-derubat Brian Vassallo qal li l-mobile tieghu li allegatament insteraq gie ritornat lilu mill-pulizija. Minkejja dan, id-derubat kien biegh l-istess *mobile* u ghalhekk Christopher Zarb ma setax jiddentifika jekk il-*mobile* tad-derubat kienx di fatti l-istess *mobile* li huwa xtara minghand l-imputat. Peress li l-*mobile*

inkwistjoni ma setax jigi intraccat wara li d-derubat bieghu lil terzi, l-inkarigu ta' Dr. Stephen Farrugia Sacco ma setax jigi espletat.

Illi apparti minhekk, fis-seduta tas-27 ta' April 2015 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kinitx ittiehdet stqarrija bil-miktub tal-imputat.

Illi jifdal biss ix-xhieda tal-gharusa tad-derubat, Lindsay Muscat, fejn qalet li cemplilha ragel biex jiltaqa' maghha sabiex jirritorna *mobile* pero` dan ir-ragel cempel minn numru anonimu u qatt ma mar jiltaqa' maghha u ghaldaqstant ix-xhieda taghha ma twassal imkien.

Illi ghaldaqstant johrog car mill-atti processwali li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq kaz sufficjenti li tista' twassal ghall-konvinciment morali li d-delitt twettaq proprju mill-imputat. Bhala stat ta' fatt ma hemmx prova wahda li tallaccja d-delitt tas-serq mal-imputat Charles Sciberras. Lanqas l-akkuza tar-ricettazzjoni ma tista' tirrizulta ppruvata gjaladarba l-*mobile* inkwistjoni nstab fil-pussess ta' terz, u cioe` Christopher Zarb, u mhux fil-pussess

tal-imputat u ma kien hemm l-ebda identifikazzjoni ta' dan il-*mobile* mill-istess Christopher Zarb.

Illi sta ghall-Prosekuzzjoni sabiex iggib l-ahjar prova quddiem il-Qorti u sabiex tikkonvinci l-Qorti li l-akkuzi twettqu mill-imputat, u mhux vice-versa. L-*onus probandi* fil-kamp kriminali huwa xoghol l-Ufficjal Prosekutur u fil-kaz in ezami l-provi li ngabu quddiem il-Qorti ma jwasslux ghall-htija tal-imputat u certament ma jwasslux ghal-konvinciment morali tal-Qorti oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Charles Sciberras hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---------------------------------------------
**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**